

# Il-Ġurnal Uffiċjali

## tal-Unjoni Ewropea

L 5



Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 57

10 ta' Jannar 2014

Werrej

## II Atti mhux leġiżlattivi

## REGOLAMENTI

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 15/2014 tad-9 ta' Jannar 2014 li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex 1

## DEĊIŻONIJET

2014/6/UE:

- ★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tad-9 ta' Jannar 2014 dwar ir-rikonoxximent tal-“Iskema għad-Diżil Rinnovabbli HVO għall-Verifikazzjoni tal-Konformità mal-kriterji tas-sostenibbiltà tad-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli għall-bijokarburanti” biex tintwera l-konformità mal-kriterji ta' sostenibbiltà mogħtija fid-Direttivi 98/70/KE u 2009/28/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** ..... 3

Prezz: EUR 3

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.  
It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.



## II

(Atti mhux leġiżlattivi)

## REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 15/2014

tad-9 ta' Jannar 2014

li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament dwar l-OKS unika) <sup>(1)</sup>,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 tas-7 ta' Ġunju 2011 li jippreskrivi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tas-setturi tal-frott u l-ħxejjex u tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati <sup>(2)</sup> u b'mod partikolari l-Artikolu 136(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 jistipula, skont ir-riżultat tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-kriterji li bihom

il-Kummissjoni tiffissa l-valuri standard għall-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi stipulati fl-Anness XVI, il-Parti A tiegħu.

- (2) Il-valur standard tal-importazzjoni huwa kkalkulat kull ġurnata tax-xogħol skont l-Artikolu 136(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011, billi jqis id-dejta varjabbli ta' kuljum. Għalhekk dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-valuri standard tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 136 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Jannar 2014.

Għall-Kummissjoni,  
F'isem il-President,

Jerzy PLEWA

Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

<sup>(1)</sup> ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 157, 15.6.2011, p. 1.

## ANNEX

## Il-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex

(EUR/100 kg)

Kodiċi tan-NM	Kodiċi tal-pajjiż terz <sup>(1)</sup>	Valur standard tal-importazzjoni
0702 00 00	AL	97,3
	MA	76,1
	TN	85,4
	TR	129,0
	ZZ	97,0
0707 00 05	MA	158,2
	TR	143,8
	ZZ	151,0
0709 93 10	MA	63,1
	TR	130,8
	ZZ	97,0
0805 10 20	EG	43,4
	MA	85,5
	TR	83,5
	ZA	44,3
	ZZ	64,2
0805 20 10	IL	186,9
	MA	72,7
	ZZ	129,8
0805 20 30, 0805 20 50, 0805 20 70, 0805 20 90	IL	75,9
	JM	93,8
	MA	117,4
	TR	80,8
	ZZ	92,0
0805 50 10	EG	66,2
	TR	70,6
	ZZ	68,4
0808 10 80	CN	110,7
	MK	27,7
	US	155,4
	ZZ	97,9
0808 30 90	CN	53,4
	US	144,5
	ZZ	99,0

<sup>(1)</sup> In-nomenklatura tal-pajjiżi stabbilita bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "ta' oriġini oħra".

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

tad-9 ta' Jannar 2014

**dwar ir-rikonossiment tal-“Iskema għad-Diżil Rinnovabbli HVO għall-Verifikazzjoni tal-Konformità mal-kriterji tas-sostenibbiltà tad-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli għall-bijokarburanti” biex tintwera l-konformità mal-kriterji ta' sostenibbiltà mogħtija fid-Direttivi 98/70/KE u 2009/28/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**

(2014/6/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2009/28/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli u li temenda u sussegwentement tħassar id-Direttivi 2001/77/KE u 2003/30/KE <sup>(1)</sup>, u b'mod partikulari l-Artikolu 18(6) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 98/70/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 1998 dwar il-kwalità tal-karburanti tal-petrol u tad-diżil u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 93/12/KEE <sup>(2)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 7c(6) tagħha,

Wara li kkonsultat mal-Kumitat dwar is-Sostenibbiltà tal-Bijokarburanti u l-Bijolikwidi,

Billi:

(1) Id-Direttivi 98/70/KE u 2009/28/KE jstipulaw il-kriterji ta' sostenibbiltà għall-bijokarburanti. L-Artikoli 7b u 7c u tal-Anness IV tad-Direttiva 98/70/KE huma simili għall-Artikoli 17 u 18 tal-Anness V tad-Direttiva 2009/28/KE.

(2) Meta l-bijofjuwils u l-bijolikwidi jkunu jridu jitqiesu għall-finijiet imsemmija fl-Artikolu 17(1)(a), (b) u (c) tad-Direttiva 2009/28/KE, l-Istati Membri għandhom jeżiġu li l-operaturi ekonomiċi juru l-konformità tal-bijofjuwils u tal-bijolikwidi mal-kriterji ta' sostenibbiltà stabbiliti fl-Artikolu 17(2) sa (5) tad-Direttiva 2009/28/KE.

(3) Meta operatur ekonomiku jagħti provi jew dejta miksuba skont skema volontarja li hija rrikonossuta mill-Kummissjoni, safejn ikun kopert b'dik id-deċiżjoni ta' rikonossiment, Stat Membru ma għandux jeżiġi li l-fornitur jipprovdi aktar evidenza ta' konformità mal-kriterji ta' sostenibbiltà.

(4) Fl-14 ta' Awwissu 2013 tressqet quddiem il-Kummissjoni talba biex jiġi rikonossut li l-“Iskema għad-Diżil Rinnovabbli HVO għall-Verifikazzjoni tal-Konformità mal-kriterji tas-sostenibbiltà tad-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli għall-bijokarburanti” turi li konsenji ta' bijokarburant jikkonformaw mal-kriterji ta' sostenibbiltà stabbiliti fid-Direttiva 98/70/KE u fid-Direttiva 2009/28. L-iskema tista' tkopri l-bażijiet kollha li huma addattati għall-bijokarburant tat-tip HVO (Hydro-treated Vegetable Oil (fosthom iż-żejt tal-palm mhux raffinat, iż-żejt taż-żerriegħa tal-kolza, iż-żejt tas-sojja u x-xaħmijiet tal-animali) u għandha ambitu dinji. L-iskema tkopri l-katina tal-provvista kollha mill-produzzjoni tal-materja prima sad-distribuzzjoni tal-bijokarburanti. Ladarba tiġi rrikonossuta, l-iskema għandha tkun disponibbli fil-pjattaforma ta' trasparenza stabbilita skont id-Direttiva 2009/28/KE. Għandhom jitqiesu kwistjonijiet ta' sensitività kummerċjali u dawn jistgħu jwasslu għal pubblikazzjoni parzjali biss tal-iskema.

(5) Valutazzjoni tal-“Iskema għad-Diżil Rinnovabbli HVO għall-Verifikazzjoni tal-Konformità mal-kriterji tas-sostenibbiltà tad-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli għall-bijokarburanti” sabet li din tkopri b'mod adegwat il-kriterji tas-sostenibbiltà tad-Direttiva 98/70/KE u tad-Direttiva 2009/28/KE, u tapplika metodoloġija ta' bilanċ tal-massa konformi mar-rekwiżiti tal-Artikolu 7c(1) tad-Direttiva 98/70/KE u l-Artikolu 18(1) tad-Direttiva 2009/28/KE.

(6) L-evalwazzjoni tal-“Iskema għad-Diżil Rinnovabbli HVO għall-Verifikazzjoni tal-Konformità mal-kriterji tas-sostenibbiltà tad-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli għall-bijokarburanti” sabet li din tilħaq standards adegwati ta' affidabbiltà, trasparenza u awditjar indipendenti, u tikkonforma wkoll mar-rekwiżiti metodoloġiċi li jinsabu fl-Anness IV tad-Direttiva 98/70/KE u fl-Anness V tad-Direttiva 2009/28/KE.

<sup>(1)</sup> ĠU L 140, 5.6.2009, p. 16.

<sup>(2)</sup> ĠU L 350, 28.12.1998, p. 58.

- (7) “L-Iskema għad-Diżil Rinnovabbli HVO għall-Verifikazzjoni tal-Konformità mal-kriterji tas-sostenibbiltà tad-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli għall-bijokarburanti” ġiet ivvalutata bi tqabbil mal-leġiżlazzjoni fis-seħħ fiż-żmien tal-adozzjoni ta’ din id-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni. F’każ li jkun hemm bidliet rilevanti fil-bażi legali, il-Kummissjoni se tivvaluta l-iskema biex tistabbilixxi jekk l-iskema tkunx għadha qed tkopri b’mod adegwat il-kriterji ta’ sostenibbiltà li għalihom hija rikonossuta.
- (8) Il-miżuri previsti f’din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat dwar is-Sostenibbiltà tal-Bijokarburanti u l-Bijolikwidi,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

#### Artikolu 1

“L-Iskema għad-Diżil Rinnovabbli HVO għall-Verifikazzjoni tal-Konformità mal-kriterji tas-sostenibbiltà tad-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli għall-bijokarburanti” (minn hawn ‘il quddiem “l-Iskema”), li tressqet quddiem il-Kummissjoni għar-rikonossiment fl-14 ta’ Awwissu 2013, turi li konsenji ta’ bijokarburanti jikkonformaw mal-kriterji tas-sostenibbiltà kif stipulati fl-Artikolu 17(3), (4) u (5) tad-Direttiva 2009/28/KE u fl-Artikolu 7b(3), (4) u (5) tad-Direttiva 98/70/KE.

L-iskema fiha wkoll dejta preċiża għall-finijiet tal-Artikolu 17(2) tad-Direttiva 2009/28/KE u tal-Artikolu 7b(2) tad-Direttiva 98/70/KE.

L-iskema tista’ tintuża biex tintwera l-konformità mal-Artikolu 7c(1) tad-Direttiva 98/70/KE u mal-Artikolu 18(1) tad-Direttiva 2009/28/KE.

#### Artikolu 2

Jekk isir xi tibdil fil-kontenut tal-iskema wara li tiġi adottata din id-Deċiżjoni b’tali mod li dan jista’ jaffettwa l-bażi ta’ din id-Deċiżjoni, it-tali tibdil għandu jiġi nnotifikat lill-Kummissjoni minnufih. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta t-tibdil innotifikat bil-għan li tistabbilixxi jekk l-iskema tkunx għadha qed tkopri b’mod xieraq il-kriterji ta’ sostenibbiltà li għalihom tkun ġiet irrikonossuta jew le.

Il-Kummissjoni tista’ tirrevoka din id-Deċiżjoni jekk ikun intwera biċ-ċar li l-iskema ma tkunx implimentat elementi meqjusa bħala deċiżivi għal din id-Deċiżjoni u jekk ikun twettaq ksur serju u strutturali ta’ daww l-elementi.

#### Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija valida għal perjodu ta’ ħames snin.

#### Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-20 jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f’Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta’ Jannar 2014.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO



EUR-Lex (<http://new.eur-lex.europa.eu>) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.

Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: <http://europa.eu>



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea  
2985 Il-Lussemburgu  
IL-LUSSEMBURGU

MT